**317. Il-Prim Ministru, l-Onor. Dom Mintoff, jipproponi din ir-Riżoluzzjoni:**

Billi l-Gvern tar-Repubblika ta' Malta beħsiebu jikkonċedi b'kera lis-Sea Malta Company Limited bini fil-Marsa muri delinjat bl-aħmar fuq pjanta mmarkata L.D. numru 182/79 deskritt aħjar fl-abbozz ta' kirja imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra, għaż-żmien u taħt il-kondizzjonijiet li jinsabu fl-istess abbozz;

U billi huwa maħsub fil-paragrafu (c) tas-subartikolu (1) tal-artikolu 3 tal-Att tal-1976 dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern li art li tkun proprjetà tal-Gvern jew amministrata minnu tista' tiġi trasferita "skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li jkun fis-seħħ fil-ħin tat-trasferiment";

U billi huwa xieraq li t-trasferiment fuq imsemmi jsir skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati;

Għalhekk huwa b'dan riżolut li bini fil-Marsa muri delinjat bl-aħmar fuq pjanta mmerkata L.D. numru 182/79 jiġi mogħti lill-imsemmija kumpannija , Sea Malta Company Limited, għaż-żmien, għall-iskop u skond il-pattijiet u kondizzjonijiet imsemmija fl-abbozz li jinsab imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra.

07.04.1981